# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 56/2001GT(GM)

**Joseph Grech**

**vs**

**Philip Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:**

**"Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn lira Maltija u (Lm200) flimkien mal-interessi fuq din is-somma mid-19 ta' April 2001 sad-data tal-hlas effettiv. Dan l-ammont hu dovut lill-attur bhala bilanc mill-prezz ta' xoghol ta' mechanic imwettaq mill-attur ghall-beneficcju u fuq struzzjonijiet tieghu stess. Bi skrittura tad-19 ta' April 2001, hu irrikonoxxa ruhu debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' Lm350 li kellhom jithallsu f'rati mensili ta' Lm50. Huwa baqa' inadempjenti u ai termini ta' dik l-iskrittura il-bilanc kollu mhux imhallas illum sar dovut interament flimkien mal-interessi bit-8% mid-data tal-iskrittura.**

**Ghalkemm interpellat diversi drabi ihallas dan l-ammont, huwa baqa' inadempjenti.**

**Bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Settembru 2001."**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifkat izda la pprezenta risposta u l-anqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-13 ta' Novembru 2001 u dik tal-lum.**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' Lm 200 bl-imghax legali mid-19 ta' April 2001 sad-data tal-effettiv pagament,**

**bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Settembru 2001.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**